# PARTEĊIPAZZJONI TAL-PARROĊĊA TA' SAN PAWL IL-BAĦAR FIS-SENA TAL-ĠUBLEW IL-KBIR TAS-SENA 2000

Il-Parroċċa tagħna b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa ta' Burmarrad, flimkien maż-żona tal-Qawra u ż-żona tax-Xemxija, l-ewwel parteċipazzjoni tagħha kienet fi żmien ir-Randan, meta ġie organiżżat Pellegrinaġġ Penitenzjali li dan kien organiżżat hekk: Fid-9 ta' Marzu fis-7 ta' filgħaxija fil-Knisja Parrokkjali ta' Burmarrad; saret il-Via Sagra. Fl-10 ta' Marzu fis-6.15 ta' filgħaxija, il-parroċċa tagħna flimkien mal-Kappillan ta' Burmarrad, il-Gwardjan tal-Qawra, u l-Gwardjan tax-Xemxija, saret quddiesa Konċelebrata u wara, minn Burmarrad sa San Pawl il-Baħar, sar pellegrinaġġ bis-Salib Penitenzjali, li tpoġġa fuq il-presbiterju fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar, sal-Ħadd 12 ta' Marzu biex dak inhar fis-6 ta' filgħaxija morna b'korteo bil-karozzi sal-Knisja tax-Xemxija fejn b'quddiesa oħra Konċelebrata, u bil-parteċipazzjoni taż-żewġ Parroċċi u ż-żewġ żoni l-oħra, ix-Xemxija u l-Qawra, ġie mitmum dan il-pellegrinaġġ penitenzjali, li żgur li ħalla ħafna ġid spiritwali.

Nhar il-Ħadd 30 ta' April fil-5 ta' filgħaxija, il-Kappillan flimkien mal-parruċċani, morna sal-Kolleġjata ta' San Pawl tar-Rabat ta' l-Imdina, biex b'pellegrinaġġ qasir mill-Knisja ta' San Katald sal-Kolleġjata fejn saret quddiesa mill-Kappillan, flimkien ma Dun Karm Cefai, rettur tal-Grotta u rappreżentanza ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Din kienet okkażjoni sabiħa ferm għalina bħala poplu ta' San Pawl il-Baħar, għaliex il-Kappillan f'isem il-parroċċa kollha, qabel l-offertorju, xegħel iż-żejt biex jitpoġġa għal sena sħiħa quddiem l-istatwa ta' San Pawl li tinsab fil-grotta li tmiss ma' l-istess Kolleġjata. Din iċ-ċelebrazzjoni ssir kull sena, u tiġi mistiedna parroċċa differenti kull darba. Il-Parroċċa tagħna ġiet mistiedna din is-sena, fl-okkażjoni tal-Ġublew u ta' l-40 anniversarju miċ-Ċimiterju ta' San Pawl li kien sar 1960.

Bejn is-6 ta' Mejju u l-14 ta' Mejju kellna ċelebrazzjonijiet Marjani bejn il-Parroċċa ta' Burmarrad, u l-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar, flimkien ukoll maż-żona tal-Qawra.

Fis-6 ta' Mejju saret ċelebrazzjoni fil-Parroċċa tagħna, fis-6.30 ta' filgħaxija saret quddiesa, li ġiet animata mill-Leġjunarji ta' Marija tal-Parroċċa. Nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju fil-5.15pm saret ċelebrazzjoni għat-tfal tad-Duttrina fil-knisja Parrokkjali, ħadu sehem it-tfal u l-ġenituri tagħhom, dak inhar it-tfal ġabu magħhom fjura lil Madonna.

Nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju fis-6.30pm saret konċelebrazzjoni mis-saċerdoti tal-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar, tal-Parroċċa ta' Burmarrad u ż-żona tal-Qawra. Wara sar pellegrinaġġ bil-mixi bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima, mil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar, sal-Knisja l-ġdida tal-Qawra, fejn il-Ħadd 14 ta' Mejju saret quddiesa fuq iz-zuntier tal-Knisja fis-6.30pm.

Kienu ċelebrazzjonijiet sbieħ u ċerti li Marija interċediet għalina lil-Ġesu' binha, kif għamlet dejjem.

Avveniment ieħor li l-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar tat sehem sħiħ u mpenjattiv fih kien, il-Ġublew tal-Baħħara. Kienu jumejn ta' ħdima mhux ħażin. Dan il-Ġublew tal-Baħħara kien organiżżat mill-Kumitat 'Maris Populus', flimkien mal-Kummissjoni Emigranti ta' Malta. Ġiet mibnija replika żgħira tad-dgħajsa li kien juża Ġesu' ma' l-Appostli. Din ir-replika telqet minn Haifa f'Israel bil-baħar, u għamlet l-istess vjaġġ li għamel San Pawl sakemm wasal fostna. Għalhekk fid-19 ta' Mejju waslet fostna din ir-replika fuq fregata navali għal-ħabta tal-5.00pm, fejn wara lli nġarret, morna fuq il-Gżejjer imsejħa ta' San Pawl fejn saret quddiesa Konċelebrata. Il-menqa kienet imballata bin-nies tistenna l-luzzijiet biex ilkoll morna fuq il-Gżejjer, għalhekk ġie organiżżat dan it-trasport bil-baħar u fis-6.45pm tqaddset il-quddiesa li kienet trasmetta diretta fuq Radju Malta 1. Wara l-quddiesa rritornajna fuq il-moll ta' Bugibba fejn sibna l-Banda tistenniena, filwaqt li mxejna sa ħdejn is-Santwarju ta' San Pawl (ħdejn il-Gillieru), fejn hemmhekk inqraw l-Atti ta' l-Appostli li jirrakkuntaw il-ġrajja ta' meta San Paw lwasal fostna, u nxtegħlet ukoll ħuġġieġa.

Wara telaq Korteo mis-Santwarju ta' San Pawl sal-knisja Parrokkjali fejn hemm inqara' l-Oratorju 'Pawlu ta' Malta' minn Tonio Bonello u Sonia Young, u inqraw ukoll xi poeżiji ta' Patri Feliċ Sammut Ofm Conv. dwar San Pawl u San Pawl il-Baħar li qrahom Patri Dumink Bonello Ofm COnv.

Is-Sibt 20 ta' Mejju fit-7.45am saret quddiesa solenni bil-Kor u l-orkestra, mmexxija minn Mons Philip Calleja flimkien mal-Kappillan Patri Joe Mamo Ofm Conv, u s-saċerdoti tal-parroċċa, il-Kappillan ta' Burmarrad Patri Joe Xerri Ofm Conv, il-Gwardjan tal-Qawra Patri Jesmond Pawley Ofm Conv., u l-Gwardjan tax-Xemxija Patri Karm Dimech Ofm. Cap. Waqt il-quddiesa ġew offruti ħut frisk, ħobż Malti u ritratt ta' l-istatwa ta' San Pawl li tinsab fuq il-Gżejjer li wara, dan il-kwadru ingħata lil-Papa bħala tifkira fit-2 ta' Ġunju, meta dan il-vjaġġ intemm fil-Belt Eterna - Ruma.

Wara l-quddiesa morna lejn San Pawl Milqi f'Burmarrad fejn spiċċa dan il-Ġublew tal-Baħħara, li l-Parroċċa ħadet sehem bil-kbir fih, u j'Alla dawn l-attivitajiet iħallu ħafna ġid u anke bidla spiritwali fina lkoll.

Fl-aħħarnett nirringrazzjaw ta' l-għajnuna kollha li konna neħtieġu min-naħa tal-Gvern, Kunsill Lokali, Kumitat Festa u l-Banda.